

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Frar 2014 — Bodson et vs BEI**

(Kawża F-83/12) <sup>(1)</sup>

**(Servizz Pubbliku — Persunal tal-BEI — Natura kuntrattwali tar-relazzjoni ta' xogħol — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' primjums tal-BEI)**

(2014/C 85/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Jean-Pierre Bodson et (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

**Konvenut:** Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: C. Gómez de la Cruz, T. Gilliams u G. Nuvoli, aġenti, P. E. Partsch, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjonijiet li jiġi applikat fir-rigward tar-rikorrenti primjum skont is-sistema l-ġdida ta' prestazzjonijiet kif tirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Amministrattori tal-14 ta' Diċembru 2010 u mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija tad-9 ta' Novembru 2010 u tas-16 ta' Novembru 2011 u, min-naħa l-oħra, it-talba sussegwenti li l-konvenut jiġi kkundannat għall-ħlas tad-differenza fir-remunerazzjoni kif ukoll għall-ħlas tad-danni.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) J.-P. Bodson u s-seba' rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u huma kkundannati għall-ispejjeż sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investment.

<sup>(1)</sup> ĠU C 295, 29.09.2012, p. 34.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2013 — ZZ vs FRA**

(Kawża F-97/13)

(2014/C 85/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** ZZ (rappreżentanti: L. Laure, M. Vandenbussche, avukati)

**Konvenuta:** L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annullament tad-deċiżjoni li jinħatar kandidat ieħor għall-pożizzjoni ta' "Senior Programme Manager" fi ħdan il-FRA u d-deċiżjoni impliċita li ma tinhatarx ir-rikorrenti għal pożizzjoni oħra ta' "Senior Programme Manager" imsemmija fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-5 ta' Frar 2013, li biha r-rikorrenti ġiet infurmata li d-Direttur tal-FRA għażel li jaħtar kandidat ieħor għall-pożizzjoni ta' ta' "Senior Programme Manager — Social Research" (AD8) u, konsegwentement, li ma jaħtarx lilha għal din il-pożizzjoni;
- jannulla d-deċiżjoni impliċita li hija mingħajr data, li ma tinhatarx għall-pożizzjoni l-oħra bħala ta' "Senior Programme Manager" imsemmija fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti;
- jannulla kull deċiżjoni meħuda abbażi ta' dawn id-deċiżjonijiet illegali;
- jannulla d-deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2013, sa fejn din tiċħad l-ilment ifformulat mir-rikorrenti u li tirrifjuta li tagħti bidu għal investigazzjoni amministrattiva mmexxija minn investigatur li mingħajr dubju huwa indipendenti, imparzjali u oġġettiv, sabiex jiġu stabbiliti l-fatti;
- jordna l-ħlas ta' kumpens għad-dannu materjali mġarrab mir-rikorrenti, li l-ammont tiegħu huwa stmat għal EUR 550 651;
- jordna l-ħlas ta' kumpens għad-dannu morali mġarrab mir-rikorrenti, li l-ammont tiegħu huwa stmat għal EUR 70 000;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2013 — ZZ vs ENISA**

(Kawża F-112/13)

(2014/C 85/45)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

**Rikorrent:** ZZ (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

**Konvenuta:** Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv tal-ENISA li jirrexxindi l-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat tar-rikorrenz.

**Talbiet tar-rikorrenz**

— jannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-ilment amministrattiv tiegħu kif ukoll kull att preċedenti illegali, inkluż l-att li permezz tiegħu l-ENISA keċċiet lir-rikorrenz;

— jordna l-ħlas lir-rikorrenz tas-somma ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu morali li sostna;

— tikkundanna lil ENISA għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2014 — ZZ vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)**

(Kawża F-3/14)

(2014/C 85/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenz: ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck, A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-EASA li ġġedded il-kuntratt tar-rikorrenz għal sena waħda biss minflok ħames snin, bi ksur tal-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008/KE.

**Talbiet tar-rikorrenz**

— jannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2013 tal-Bord Amministrattiv li jġedded il-kuntratt tiegħu għal sena waħda biss;

— konsegwentement, jannulla l-emenda Nru 2 għall-kuntratt ta' xogħol tiegħu li ġġedded il-kuntratt għal perijodu ta' sena;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2014 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-5/14)

(2014/C 85/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenz: ZZ (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenz jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni wara investigazzjoni interna li bdiet wara investigazzjoni mill-OLAF mibdija kontra impriża u talba għad-danni fir-rigward tad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.

**Talbiet tar-rikorrenz**

— jannulla d-deċiżjoni adottata fis-16 ta' Ottubru 2013, innotifikata fid-dar tar-rikorrenz fit-18 ta' Ottubru ta' wara mid-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Kummissjoni, meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra magħmula minn tliet partijiet fil-fajl CMS 12/042, li ttiprovdi li “ZZ għandu jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għal pensjoni” u li tidħol “fis-seħħ ix-xahar wara d-data tal-iffirmar tagħha”;

— jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas, bħala kumpens għad-danni morali, mediċi, familjari, professjonali u materjali u għall-ħsara għall-karriera tar-rikorrenz, li ġiet evalwata b'mod simboliku għal EUR 1, l-ammont ta' EUR 30 000, bla ħsara għal kwalunkwe żieda jew tnaqqis li jistgħu jintalbu fil-mori tal-kawża;

— fi kwalunkwe każ, jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha, skont l-Artikolu 87(1) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.